**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 9 ta' Novembru 2017**

**App. Nru. 554/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gesmond Sant**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Gesmond Sant, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 17766(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni talli bħala persuna li jħaddem għas-snin 2001, 2002, 2003 u 2004 b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda, naqas li jibgħat il-formuli tat-taxxa skond id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A. L.

88 tal-1998 maħruġa ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jħares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fis-16 ta' Novembru 2012 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 15, 20. 21(1) u 22(1) ta' l-Avviż Legali 88 tas-sena 1998, sabet lill-imsemmi Gesmond Sant ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' ħames mitt euro (€500) u multa addizzjonali ta' seba' euro (€7) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-istess Gesmond Sant ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta li jekk fi żmien ħames snin jerġa' jinstab ħati ta' xi reat taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tingħata sentenza, b'żieda ma' kull piena oħra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem priġunerija; u jekk misjub ħati għat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija ħames snin, minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* jew f'xi leġislazzjoni oħra, jingħata sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'żieda ma' kull piena oħra ħlief għal priġunerija għal żmien itwal;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Gesmond Sant ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2012 fejn talab lil din il-Qorti (1) tirrevoka s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontrih u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħha u minnha tilliberah skond il-liġi; (2) alternattivament u mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li mid-dokumenti u provi prodotti ma saritx il-prova ta' l-elementi kostitutivi tar-reat li bih ġie akkużat; (2) li, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, huwa għandu dejn ċivili fil-konfront tal-Gvern iżda dan ma jagħtix lok għal azzjoni penali; (3) li, mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ aggravji, il-piena nflitta hi eċċessiva u mhux proporzjonata.

**6.** L-appellant jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar l-aggravji tiegħu:

“4. Illi l-ewwel aggravju huwa s-segwenti:

“Mid-dokumenti prodotti u l-provi mressqa ma saritx il-prova ta’ l-elementi kostituttivi tar-reat li bih gie akkuzat l-esponent. L-aktar principju baziku fil-kamp penali huwa li sabiex jissussisti reat irid ikollok iz-zewg elementi ta’ *actus reus* u *mens rea*. Sfortunatament il-linja li donnha hadet l-ewwel Onorabbli Qorti hija li galadarba ma jkunux saru denunzji relattivi u/jew il-pagament relattiv necessarjament ghandu jkollok is-sejbien ta’ htija – l-att innifsu jikkostitwixxi r-reat.

“Dan huwa ghal kollox zbaljat kif jidher anke mit-test ta’ l-akkuza avvanzata kontra l-esponent. It-terminu centrali u l-fulkru ta’ l-akkuza huma l-kliem ‘b’rizoluzzjoni wahda’. Dan il-kliem minnu juri li l-legislatur ukoll kien jirrikjedi xi forma ta’ intenzjoni li jitwettaq ir-reat in kwistjoni. Inoltre l-fatt li tirrikjedi rizoluzzjoni wahda ifisser ukoll att pozittiv u mhux kwalsiasi tip ta’ intenzjoni.

“Il-fatti ta’ dan il-kaz huma univoci u konkatenati fis-sens li l-intenzjoni rikjesta ghat-twettiq ta’ dan ir-reat hija eskluza u mankanti. Oltre ghar-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, ix-xhieda f’dan il-kaz kienu l-esponent, ohtu u rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c. Mill-provi rrizulta li meta rcieva l-akkuza, l-esponent kien ferm sorpriz b’dak allegat ghaliex hu kien taht l-impressjoni li d-dokumenti fiskali kollha kienu gew prezentati fil-hin. Lanqas biss kellu dokumentazzjoni li biha seta’ jaghmel id-dikjarazzjonijiet mankanti. Dak li ghamel kien li mar id-Dipartirnent tat-Taxxi Interni sabiex inghata l-informazzjoni moghtija mill-impjegati tieghu sabiex seta’ jibni d-dokumentazzjoni rikjesta. Huwa ghamel id-denunzji necessarji izda ma kellux il-mezzi sabiex ihallas l-ammonti fenominali tal-kreditu reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi. Irrizulta mill-provi li fil-fatt id-dikjarazzjonijiet li kellhom jigu sottomessi mill-impjegati inghatawlhom fiz-zmien u gew sottomessi fiz-zrnien.

“L-appellant kien spicca eskluz mill-gestjoni tan-negozju tieghu tant li kien spicca jorqod f’karozza pendenti s-separazzjoni minn ma’ martu. Id-dokumenti tan-negozju kienu f’proprjeta` li kienet f’idejn il-Bank of Valletta p.l.c. u kellhom jghaddu x-xhur sabiex inghata access sabiex ifittex id-dokumenti. Meta dahal hemm kien hemm diversi cekkijiet u dokument iffirmati minnu u mhux sottomessi.

“Irrizulta wkoll li sabiex jonora l-obbligi kollha fil-konfront ta’ l-impjegati tieghu huwa mar issellef il-flus biex hallashom dak kollu dovut lilhom.

“Jekk verament l-esponent kellu xi forma ta’ intenzjoni anke generika li jwettaq ir-reat addebitat lilu kien ser jaghti lill-impjegati d-dokumenti necessarji sabiex jigu sottomessi lill-Kummissarju tat-Taxxi u dan fiz-zrnien li kienet trid il-ligi? L-aktar haga bazika f’audit trail. Bniedem li jkollu ntenzjoni li jwettaq ir-reat jipprova joskura l-informazzjoni u mhux jaghtiha hu stess.

“Dan ma kienx kaz kif qalet l-ewwel Qorti li l-appellant iddelega dawn ir-responsabilitajiet lil martu u l-accountant u ma tax kaz izjed. L-appellant iffirma d-denunzji u iffirma c-cekkijiet sabiex isiru l-pagamenti. Meta ma kienx ghad

fadallu fondi personali sabiex jonora l-obbligi tieghu lejn l-impjegati mar u issellef il-flus sabiex jonora dawn l-obbligi tieghu.

"Kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti huwa ma kellux l-access ghad-dokumentazzjoni *a tempo vergine* ghaliex huwa kien ilu li spicca barra mid-dar matrimonjali ferm qabel is-separazzjoni *de jure*.

"Illi ghalhekk bir-rispett zgur li ebda intenzjoni generika u/jew specifika ghat-twettiq tar-reat addebitat lill-appellant ma giet ippruvata f'dawn il-proceduri u ghalhekk l-esponent qatt ma seta' jinstab hati ta' l-akkuza addebitata lilu. Jekk xejn il-provi kollha jippuntaw lejn l-eskluzjorni ta' kull forma ta' intenzjoni.

"5. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravvju, it-tieni aggravju huwa s-segwenti:

"Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-esponent ghandu dejn civili fil-konfront tal-Gvern izda zgur li dan ma jaghtix lok ghal azzjoni penali.

"Kif sottomess fit-trattazzjoni li saret quddiem l-ewwe1 Onorabbli Qorti, il-ligi Maltija tipprospetta fil-kodici kummercjali proceduri ta' falliment kif ukoll ta' xoljiment u stralc fl-Att dwar il-Kumpaniji kif ukoll proceduri ta' konkors ta' kredituri.

"Bl-interpretazzjoni ristretta li tat l-ewwe1 Onorabbli Qorti, l-ebda kummercjant ma jista' genwinament ifalli fin-negozju tieghu ghaliex dejjem ha jiffaccja azzjoni penali kontrih. Il-ligijiet hawn fuq indikati jipprospettaw responsabilita` penali pero` fil-kaz ta' falliment frawdolenti u/jew fil-kaz ta' fraudulent jew wrongful trading. Prova ta' din il-frawdolenza ma ngabitx.

"Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni addirittura jgawdi privileggi fil-proceduri ta' falliment, stralc u/jew konkors tal-kredituri fejn huwa jippregrada kredituri ohra. Il-fatt biss li persuna jkollha dejn versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jaghtix lok ghal azzjoni penali. Huwa minnu li l-esponent appellant illum huwa debitur versu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda b'daqshekk ma jfissirx li huwa kkommetta reat.

"Il-provi kollha juru li l-esponent jinsab fi stat ta' falliment totali. F'dan is-sens giet ezebita s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja u sussegwentement il-Qorti ta' l-Appell fis-separazzjoni bejn l-appellant u martu. L-indirizz indikat fl-akkuza originali kien fond li kien ilu fil-pussess tal-bank addirittura sentejn qabel ma harget l-akkuza kontra l-esponent.

"Kif jirrizulta mill-istess sentenza l-Qorti Civili ddikjarat li djun relatati man-negozju ghandhom jigu ssopportati mill-appellant u l-ex martu. Il-massimu li seta' jaghmel ghamlu l-appellant f'li jottjeni tali dikjarazzjoni. Fil-kamp penali, l-akkuzat ma ghandux id-dritt bhal fil-kamp civili ta' l-istitut tal kjamat in kawza. Huwa minnu li proceduri civili u l-proceduri penali huma distinti minn xulxin pero` dikjarazzjoni ta' Qorti Civili fuq responsabilita` ma tistax facilment tigi skartata minn Qorti Kriminali.

“Anke l-ligi taghna ilha li nehhiet id-dritt ta’ kreditur li jiehu azzjoni penali kontra d-debitur tieghu ghal hlas ta’ dejn civili. F’dan is-sens ukoll issir referenza ghal Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u partikolarment ghar-Raba’ protokoll. Anke l-*mandat in factum* ipprospettat fid-dritt civili jikkontempla d-detenzjoni biss fil-kaz ta’ *obligazione di fare* u mhux *un obligazione di dare*. F’dan is-sens il-Kummissarju tat-Taxxi ma jgawdix xi privilegg u ma huwiex il-fuq mil-ligi li sabiex jithallas dejn civili jistitwixxi azzjoni penali fil-konfront tad-debitur tieghu. Il-pozizzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hija ben kawtelata fil-kamp civili mil-legislatur li tah privileggi fejn il-kreditu tieghu jippregrada dak ta’ kredituri ohrajn.

“L-appellant ma ghad ghandu l-ebda assi. Kull ma kellu haduh il-kredituri tieghu. Ma nistghux zgur naslu f’sitwazzjoni li wara li bniedem ikun ghadda mit-trawma li jitlef kull ma ghandu jiffaccja azzjonijiet penali kontrih ghax ma jistax jonora d-debiti tieghu u finalment jista’ jiffaccja prigunerija.

“6. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni aggravju, it-tielet u l-ahhar aggravju huwa s-segwenti:

“Dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel zewg aggravji ta’ l- appellant u xorta wahda ssib htija fih, il-piena nflitta fuq l-imputat appellant minn l-ewwel Onorabbli Qorti kien wahda eccessiva u mhux proporzjonata ghal portata ta’ dan il-kaz. Dan qed jinghad partikolarment fid-dawl tal-multa addizzjonali inflitta fuq l-appellant ta’ seba’ euro (€7) ghal kull jum li jibqa’ ma jhallasx il-kreditu dovut minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi.

“Fil-fehma ta’ l-esponent ikun xieraq li jkun hernrm temperament fil-piena u li tinghata piena li tkun aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.”

**7.** Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tgħid fl-ewwel lok li l-liġijiet fiskali huma meqjusin bħala liġijiet ta’ s*trict liability*. Din il-Qorti tifhem il-problemi li għadda minnhom l-appellant. Pero` l-imputazzjoni tirreferi għas-snin 2001 sa 2004 meta ċ-ċitazzjoni għas-separazzjoni personali ġiet ippreżentata minn mart l-appellant fil-15 ta’ Settembru 2004, u l-Bank of Valletta beda proċeduri kontra tiegħu u martu fl-2006. Imbagħad mix-xiehda ta’ Jesmond Delmar, impjegat fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, jirriżulta li, filwaqt li l-formoli għas-sena 2001 ġew ippreżentati fit-2 ta’ Diċembru 2010 u dawk tas-snin 2002 u 2003 ġew ippreżentati fit-18 ta’ Jannar 2011, dawk għas-sena 2004 ġew ippreżentati f’April 2005. Allura, jekk tas-sena 2004 ġew ippreżentati prattikament fi żmienhom, x’wassal biex għas-snin l-oħra ma gie ppreżentat xejn? Din il-Qorti għalhekk tgħid mill-ewwel li ma tara l-ebda ġustifikazzjoni f’dak li xehed l-appellant dwar għaliex ma ġewx sottomessi fil-ħin. Barra minn hekk Jesmond Delmar kien qiegħed jirreferi għall-formoli FS3 li, għalkemm ingħataw lill-impjegati fil-ħin ma ntbagħtitx kopja lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni[1], u l-

[1] Skond ir-regolament 22(1) ta’ l-Avviż Legali 88/1998.

formoli FS7 li hija rikonċilhazzjoni ta' kull sena dwar ħlasijiet mill-pagatur li tiġi ppreżentata flimkien mal-FS3s[2].

**8.** Ma ntbagħtux lanqas l-FS5s li magħhom irid jintbagħat il-pagament opportun. Il-liġi hi ċara f'dar-rispett. Ir-regolament 15 ta' l-Avviż Legali 88 tas-sena 1998 jgħid:

> "(1) Kull pagatur għandu, sa l-aħħar ġurnata tax-xogħol tax-xahar li jiġi minnufih wara dak ix-xahar li matulu jkun ħallas emolumenti, jagħti lill-Kummissarju l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa jew li kellha titnaqqas minn dawk l-emolumenti skond dawn ir-regoli.
>
> "(2) Ir-rimessa li hi dovuta li ssir lill-Kummissarju taħt is-subregola (1) għandha tintbagħat mill-pagatur flimkien ma' dak it-tagħrif li jkun meħtieġ li jingħata fuq il-formola msemmija fir-regola 20 li għandha timtela u tiġi ffirmata mill-pagatur."

**9.** F'dar-rigward qed issir referenza wkoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 23 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "(1) Meta xi persuna tħallas xi income taxxabbli taħt l-artikolu 4(1)(a), (b) jew (d) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jew xi income hekk kif jista' jiġi preskritt, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, tnaqqas it-taxxa minnu f'dak l-ammont u b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi preskritt skont dan is-subartikolu jew skont kull disposizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi.
>
> "(2) Kull taxxa mnaqqsa kif meħtieġ skont is-subartikolu (1) għandha tintbagħat lill-Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt."

**10.** Sfortunatament ukoll ma jirriżultax li tħallsu l-pagamenti (konsistenti f'taxxa u kontribuzzjonijiet ta' sigurta` soċjali tal-ħaddiema) dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**11.** L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar is-sottomissjonijiet tad-difiża li ġew rilevati wkoll fl-istadju ta' appell:

> **"L-imputat, in kwantu l-persuna li kienet irreġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bħala persuna li timpjega, kien u għadu l-persuna responsabbli għall-eżoneru ta' l-obbligi kollha naxxenti ai termini tal-Kapitolu 372 u relatati ma' dik ir-reġistrazzjoni.**
>
> **"Il-fatt li huwa ddelega lil martu kwistjonijiet ta' kontabilita` u obbligi fiskali ma teżonerax lill-imputat minn dawn l-obbligi li kien uu jibqgħu tiegħu; partikolarment meta huwa ma ħa l-ebda inizjattiva biex jivverifika li l-formoli kienu qed jintbagħtu bil-ħlas relattiv.**

---

[2] Skond ir-regolament 22(1) ta' l-Avviż Legali 88/a998.

**"Il-fatt li l-Qorti tal-Familja ddeċidietr li d-dejn kollu relatat man-negozju ta' l-imputat u martu għandu jinqasam bejniethom huwa rrilevanti ai fini tal-proċeduri odjerni u ma jista; jkollu l-ebda effett fuq id-drittijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' l-imputat. Dik is-sentenza, in kwantu hekk iddeċidiet, tolqot biss ir-relazzjonijiet interni tal-konujġi Sant u d-drittijiet tagħhom fil-konfront ta' xulxin.**

**"....**

**"Illi n-nuqqas ta' l-imputat li jadempixxi l-obbligi naxxenti mill-Kapitolu 372 ġab konsegwenzi ta' natura ċivili kif ukoll penali. Il-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi kellu d-dritt (kawtelat anke permezz ta'privileġġi speċjali) li jipparteċipa fil-proċess ta' stralċ jew falliment u/jew li jirrikorri għal proċeduri ċivili biex jottjeni l-ħlas ta' l-ammonti dovuta mill-imputat ma jfissirx li huwa ma kellux id-dritt li, flimkien ma' kwalunkwe proċeduri ċivili li seta' għażel jew ma jagħżilx li jirrikorri għalihom, jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jittieħdu passi penali fil-konfront ta' l-imputat.**

**"Illi għalkemm l-imputat qed jallega li hu kien fl-impossibilita` li jadempixxi l-obbligi tiegħu minħabba l-proċeduri ta' separazzjoni u minħabba li d-dokumenti kienu maqbuda fil-proprjeta` li nbiegħet permezz ta' subbasta, dan ma ġiex pruvat. Mid-dokumenti li esebixxa hu stess jirriżulta li huwa kien qed jiġġestixxi n-negozju, flimkien ma' martu, bil-modalita` miftehma bejniethom, sakemm ġgalqu is-supermarket fis-sena 2005. Inoltre l-bank beda proċeduri kontra l-imputat u martu fis-sena 2006 sa liema data l-imputat żgur kellu aċċess għad-dokumenti kollha relattivi. L-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat tirreferi għas-snin 2001 sa 2004 meta hu kien għadu qed jiġġestixxi n-negozju u meta kellu aċċess għad-dokumenti u l-proprjeta` immobbli kollha tiegħu."**

**12.** Din il-Qorti taqbel ma' dawn l-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti. Barra minn hekk, f'dan l-istadju l-appellant qal li ma jafx jikteb. Apparti li jidher li din hi sottomissjoni li l-appellant għamilha l-ewwel darba quddiem din il-Qorti, dan il-fatt, jekk minnu, xorta ma jeżimiehx mir-responsabbilta` ġaladarba hu u mhux il-mara kien irreġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bħala persuna li timpjega.

**13.** Fl-aħħarnett qed issir referenza għal kumment li għamlet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Stivala mogħtija fit-30 ta' April 2008** (li kien jittratta każ fejn ma nħarġitx rċevuta tal-VAT) fejn si tratta ta' liġijiet fiskali:

**"Dan hu kaz ta' non osservanza ta' ligi fiskali fejn mhux accettabbli certu kavillar zejjed bl-iskop li jigu evitati l-obbligi imposti mil-legislatur biex jaccerta ruhu li tingabar it-taxxa dovuta f'kull zmien u f'kull kaz.' "**

**14.** Għaldaqstant l-ewwel żewġ aggravji huma respinti.

**15.** Kwantu għall-aħħar aggravju, ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-posizzjoni finanzjarja mhux sabiħa tiegħu, tant li kien anke ssellef il-flus mingħand oħtu biex iħallas l-aħħar pagi tal-ħaddiema li kellu, u l-fatt li fil-mori tal-każ kien issottometta l-formoli FS7 flimkien mal-formoli FS3, din il-Qorti hi tal-fehma li għal dak li jirrigwarda l-multa addizzjonali m'hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tkun fil-minimu stabbilit mil-liġi.

**16.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għall-ħlas ta' multa addizzjonali ta' seba' euro (€7) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza, u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' multa addizzjonali ta' erba' euro (€4) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data ta' din is-sentenza. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.